**Rev. Mgr. Calcedon Vassallo**
"Dar tal-Kleru"
Triq Anġlu Grima
B'Kara BKR 1560 MALTA

E.T. il-President ta' Malta,
Il-Palazz,
Valletta.
23 ta' Awwissu, 2019.

Eċċellenza,

Jiena saċerdot bi kważi 50 sena esperjenza il-ħin kollu fost il-poplu. Xtaqt inwassallek suġġeriment bħala parti mill-konsultazzjoni li qed tmexxi dwar il-Kostituzzjoni. Kif tista' tissoponi, miniex bniedem tekniku f'dan il-qasam u għalhekk se ngħid x'naħseb, imbagħad inħalli għall-esperti kif jifformulawha fil-konkret jekk ikun hemm qbil fuqha.

Xi ħaġa li tkidd ħafna lill-Maltin ta' rieda tajba hi li fil-politika Maltija jeżisti ġlied kontinwu bejn iż-żewġ partiti. Dak li jagħmel l-Aħmar, il-Blu jittimbrah ħażin u bil-maqlub ukoll.

Nissuġġerixxi li fil-Kostituzzjoni jinħoloq provediment biex titwaqqaf kummissjoni, iffurmata miż-żewġ naħat tal-Parlament u minn rappreżentanza tas-Soċjeta' Ċivili. L-iskop hu biex ċerti materji importanti u li jkollhom konsegwenzi fit-tul fuq in-nazzjon, ikunu diskussi f'din il-kummissjoni minn kmieni u bla għaġġla żejda, kif ukoll bil-għajnuna ta' esperti. B'hekk ikunu jistgħu jaslu għal consensus biex jagħmlu policy li jkollha qbil wiesa u allura tkun ta' ġid għall-poplu kollu. Biex policy tkun imressqa quddiem il-parlament, irid ikun sar qbil f'din il-kummissjoni.

Insemmi eżempju biex niftiehem aħjar: il-Power Station. Veru kien hemm bżonn Power Station oħra? Mhux qed ngħid li waħda kienet tajba u l-oħra ħażina. Imma nħossni ċert li kieku dan is-suġġett, minn kmieni kien diskuss f'kummissjoni bħal din, ir-riżultat kien ikun aħjar għall-pajjiż kollu.

Nista' nsemmi suġġetti oħra li għandhom ikunu materja ta' din il-Kummissjoni, bħas-Saħħa, l-Edukazzjoni, it-Trasport Pubbliku, eċċ. Ikun hemm l-obbligu li dwar dawn il-materji importanti jkun hemm qbil wiesa', għall-anqas fuq il-linji ġenerali.

Ikun hemm bżonn ukoll terms of reference ċari, imfassla minn esperti.

Filwaqt li nselli ħafna għalik,
Minn qalbi nixtieqlek ħafna saħħa ubarka.

Dun Kalċidon Vassallo
I.D. 43346 M